# KAPITOLU 31

## ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA

*Biex temenda u tikkonsolida l-liġi dwar l-eżerċizzju tal-Professjoni Medika u ta' Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.*

1 ta' Awissu, 1901

*L-ORDINANZA XVII ta' l-1901 kif emendata bl-Ordinanzi: V ta' l-1906, VIII ta' l-1921; bl-Att V ta' l-1926; bl-Ordinanzi: XXIII ta' l-1931, XII ta' l-1932, XII ta' l-1934, VIII ta l-1936, I u XXVII ta' l-1937, XV, XXX u XLII ta' l-1939, XIII ta' l-1942, I u V ta' l-1944, XLII ta' l-1946; bl-Atti: V u XLVII ta' l-1948, IX ta' l-1949, VIII ta' l-1953, VII ta' l-1955, XXII u XXIV ta' l-1957; bl-Ordinanzi ta' Emerġenza: XV ta' l-1958, II ta' l-1959; bl-Ordinanzi: III ta' l-1959, XXVII u XXX ta' l-1961; XXV ta' l-1962; bl-Att III ta' l-1962; bl-Avviżi Legali 4 ta' l-1963, 46 ta' l-1965; bl-Atti: V, XI u XXVIII ta' l-1967, XXII ta' l-1968, X, XIV u XXVI ta' l-1969, XXX ta' l-1970, XXXVII ta' l-1972, XVIII ta' l-1973, LVIII ta' l-1974, XXI, XLIX, u LVI ta' l-1975; bl-Avviżi Legali 148 ta' l-1975; bl-Atti: XX u XXII ta' l-1976, XVII u XX ta' l-1977, XLIX ta' l-1981, IX u XVI ta' l-1982, XVI ta' l-1983, V ta' l-1985, XVII ta' l-1986; bl-Avviżi Legali 34 ta' l-1986; bl-Atti: XIX ta' l-1987 u VIII ta' l-1990; bl-Avviżi Legali 48 ta' l-1990 u 31 ta' l-1997; bl-Att II ta' l-1998; bl-Avviż Legali 79 ta' l-1998; bl-Atti VI ta' l-2000 u VI ta' l-2001; bl-Avviż Legali 285 ta' l-2001; bl-Att XXIII ta' l-2001; bl-Avviżi Legali 38, 209, 222 u 257 ta' 2002; bl-Att III ta' l-2002; bl-Avviżi Legali 212 u 374 ta' l-2003; bl-Atti III u XII ta' l-2003; bl-Avviżi Legali 135 u 260 ta' l-2006; bl-Att XVI ta' l-2006; bl-Avviżi Legali 127 u 404 ta' l-2007; bl-Atti XXIV u XXXI ta' l-2007; u bl-Avviż Legali 407 ta' l-2007.*

TAQSIM TA' L-ORDINANZA


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| | Titolu u Tifsir | 1-2 |
| Taqsima I. | Eżerċizzju tal-Professjoni Medika u Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha | 3-4 |
| Taqsima II. | Tobba | 5-12 |
| Taqsima III. | (*mħassra bl-Att XXIII.2001.62*) | |
| Taqsima IV. | Spiżjara u *Pharmacy Technicians* | 18-49 |
| Taqsima V. | Qwiebel | 50-64 |
| Taqsima VI. | Kirurgi-Dentisti u Dentisti | 65-71 |
| Taqsima VII. | Infermiera Reġistrati u Infermiera Iskritti fl-Elenku | 72-80 |
| Taqsima VIII. | Attendenti ta' l-Isptar | 81-83 |
| Taqsima IX. | Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina | 84-87A |
| Taqsima X. | Snajja' li għandhom x'jaqsmu mal-Professjonijiet Sanitarji | 88-104 |
| Taqsima XI. | Reati u Pieni | 105-123A |
| Taqsima XII. | Reġistri | 124 |

SKEDI

L-Ewwel Skeda
It-Tieni Skeda
It-Tielet Skeda

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din l-Ordinanza hu l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

Titolu fil-qosor.

**2.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Tifsjr.
*Miżjud: II.1959.30.*
*Emendat: XXII. 1968.37; XIV. 1969.19; XVIII. 1973.18; XLIX. 1981.6; XVI. 1983.26; II. 1998.2.*

---

## TAQSIMA I

### EŻERĊIZZJU TAL-PROFESSJONI MEDIKA U PROFESSJONIJIET LI GHANDHOM X'JAQSMU MAGHHA.

**3.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Professjonijiet suġġetti għal sorveljanza.
*Emendat: VIII. 1921.2; V. 1926.2; XII. 1932.2; XXII. 1957.2; XV. 1958; II. 1959.2; XXV. 1962; A.L. 4 ta' l-1963; A.L. 46 ta' l-1965; XXII. 1968.2; XVIII. 1973.2; XVI. 1983.2,3; XXIII. 2001.62.*

**4.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kummerċ suġġett għal sorveljanza.

---

## TAQSIMA II

### TOBBA

*Emendat: VIII. 1921.3.*

**5.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Liċenza għall-eżerċizzju tal-professjoni medika.
*Emendat: VIII. 1921.4; XII. 1932.3; II. 1959.3.*
*Sostitwit: XVII. 1977.2.*
*Emendat: XX. 1977.2; XVI. 1983.4; V. 1985.2; XIX. 1987.2.*

Reġistru Mediku.
*Emendat:*
*VIII. 1921.5;*
*XXIII. 1931.2;*
*XVII. 1937.2;*
*VIII. 1953.2; II. 1959.4;*
*XXVIII. 1967.2;*
*A.L. 148 ta' l-1975.*
*Sostitwit:*
*XVII. 1977.2.*
*Emendat:*
*XVI. 1983.5;*
*V. 1985.3;*
*XIX. 1987.3.*

**6.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Drittijiet tat-tobba li għandhom il-liċenza.
*Emendat:*
*VIII. 1921.6;*
*XXII. 1957.3;*
*XXII. 1968.3;*
*XVI. 1983.6;*
*XIX. 1987.4;*
*II. 1998.3.*

**7.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

It-tabib ma jistax jaħdem ta' farmaċista.
*Emendat:*
*V. 1906.1;*
*XXVII. 1937.3;*
*II. 1959.6.*

**8.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

It-tobba ma jistgħux ikollhom sehem fil-qligħ ta' spiżerija.
*Emendat:*
*VIII. 1921.7.*

**9.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Tobba ma għandhomx ikollhom interess f'xi negozju ta' ottiku.
*Miżjud:*
*XXVII. 1961.3.*

**10.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Min jista' jikteb riċetti.
*Emendat:*
*VIII. 1921.8;*
*XII. 1932.4;*
*XLVII. 1948.2;*
*XXIII. 2001.62.*

**11.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Forma tar-riċetta.
*Emendat.*
*VIII. 1921.9;*
*XIII. 1942.2;*
*XLVII. 1948.3;*
*V. 1967.2;*
*XVII. 1986.2.*

**12.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

## TAQSIMA III

### VETERINARJI

**13.** (*Mħassar bl-Att XXIII.2001.62*)

Eżerċizzju tal-professjoni ta' veterinarju.
*Sostitwit: II. 1959.7.*
*Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68.*

**14.** (*Mħassar bl-Att XXIII.2001.62*)

Kwalifika għall-liċenza.
*Emendat. VIII. 1921.10; II. 1959.8; XI. 1967.2; A.L. 148 ta' l-1975.*

**15.** (*Mħassar bl-Att XXIII.2001.62*)

Reġistru tal-veterinarji.
*Miżjud: II.1959.9.*
*Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68; A.L. 148 ta' l-1975.*

**16.** (*Mħassar bl-Att XXIII.2001.62*)

Il-veterinarji ma jistgħux jeżerċitaw ta' farmaċisti.
*Miżjud: VIII. 1921.11.*

**17.** (*Mħassar bl-Att XXIII.2001.62*)

L-artikolu 7 jgħodd għall-veterinarji.
*Emendat: VIII. 1921.12;*
*Sostitwit: XLIX. 1981.6.*

---

## TAQSIMA IV

### SPIŻJARA U *PHARMACY TECHNICIANS*

*Emendat: VIII. 1921.34; XVI.1983.2.*

**18.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Liċenza biex jeżerċita bħala spiżjar u *pharmacy technician*.
*Sostitwit: II. 1959.10.*
*Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68; XVI. 1983.2.*

Kwalifiki għal liċenza ta' spiżjar.
*Emendat:*
*VIII. 1921.13;*
*VII. 1955.2;*
*II. 1959.8;*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*XXII. 1968.4;*
*LVIII. 1974.68;*
*A.L. 148 ta' l-1975;*
*XLIX. 1981.6.*

**19.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Reġistru ta' l-Ispiżjara.
*Miżjud:*
*II. 1959.11.*
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*XXII. 1968.5;*
*LVIII. 1974.68;*
*A.L. 148 ta' l-1975;*
*XVI. 1983.2.*

**20.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kwalifiki għall-liċenza ta' *pharmacy technician*.
*Emendat:*
*VIII. 1921.14.*
*Sostitwit:*
*V. 1944.2.*
*Emendat:*
*XLVII. 1948.4;*
*II. 1959.12;*
*XI. 1967.3;*
*XXII. 1968.6;*
*XXXVII. 1972.2;*
*XLIX. 1981.6;*
*IX. 1982.2;*
*XVI. 1983.2,7;*
*V. 1985.4.*

**21.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija.
*Emendat:*
*VIII. 1921.15.*
*Sostitwit:*
*XVI. 1983.8.*

**22.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Id-direzzjoni ta' spiżerija għandha tkun f'idejn spiżjar b'liċenza.
*Emendat:*
*VIII. 1921.16;*
*XXVII. 1937.4;*
*II. 1959.12;*
*XII. 1968.7;*
*V. 1985.5.*

**23.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Impieg ta' *pharmacy technician*.
*Miżjud:*
*XLIX. 1975.2.*
*Emendat:*
*XX. 1976.2.*

**24.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Dmirijiet ta' spiżjar.
*Emendat:*
*VIII. 1921.17.*
*Sostitwit:*
*XXII. 1968.8.*

**25.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

**26.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Spiżjar ma jistax imexxi l-eżerċizzju ta' spiżerija akkont ta' tabib, eċċ.
*Emendat:*
*VIII. 1921.18;*
*XXVII. 1937.5;*
*XXIII. 2001.62.*

**27.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Is-sid ta' spiżerija jista' jimpjega spiżjar wieħed jew iżjed.
*Emendat:*
*VIII. 1921.19;*
*XXI. 1975.3.*

**28.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Meta l-ispiżjar direttur ikun marid jew assenti.
*Emendat:*
*XX. 1976.3.*

**29.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Dmir ta' spiżjar li jagħti s-servizzi tiegħu f'każijiet urġenti.
*Emendat:*
*XLII. 1939.2.*

**30.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Spiżjar ma jistax jirrifjuta ibigħ mediċina fuq riċetta.
*Emendat:*
*VIII. 1921.20;*
*XIII. 1942.2.*

**31.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Bejgħ u kunsinna ta' mediċini.
*Emendat:*
*VIII. 1921.21;*
*XII. 1932.5;*
*II. 1959.4;*
*XXIII. 2001.62.*

**32.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Reġistrazzjoni ta' riċetti.
*Emendat:*
*VIII. 1921.22;*
*XII. 1932.6;*
*XIII. 1942.2;*
*XLVII. 1948.5;*
*XXIII. 2001.62.*

**33.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

L-ispiżjar ma jistax iżomm mediċini li jagħmlu ħsara.
*Emendat:*
*VIII. 1921.23.*
*Sostitwit:*
*XX. 1976.4.*

**34.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Indafa tal-lok.
*Miżjud:*
*VIII. 1921.24.*

L-ispiżjar għandu jimxi fuq il-Farmakopea Ingliża.
*Emendat: VIII. 1921.25; II. 1959.4; III. 1959.2; III. 1962.2; A.L. 4 ta' l-1963.*

**35.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Sustanzi velenużi.

**36.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Sustanzi li jitqiesu velenużi.
*Emendat: VIII. 1921.26; II. 1959.4; A.L. 4 ta' l-1963.*

**37.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Bejgħ ta' sustanzi velenużi.
*Emendat: VIII. 1921.27; XIII. 1942.2,3; XXII. 1968.9.*

**38.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Mediċina għall-użu estern.
*Emendat: VIII. 1921.28. Sostitwit: XXII. 1968.10.*

**39.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti għall-kontroll ta' mediċinali jew prodotti kimiċi.
*Miżjud: V. 1967.3. Emendat: XLIX. 1975.3.*

**40.** Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista', wara li jikkonsulta lill-Kunsill tas-Saħħa, u safejn jidhirlu meħtieġ jew xieraq għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, jagħmel regolamenti biex jikkontrolla l-manifattura, l-esportazzjoni, l-importazzjoni, il-pussess, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' dawk il-mediċinali jew prodotti kimiċi li jistgħu jidhrulu li jeħtieġu dak il-kontroll fl-interess pubbliku, u biex jimpedixxi l-użu mhux xieraq tagħhom, u b'mod partikolari iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa fuq imsemmija biex -

(*a*) jirregola l-ħruġ mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 31 ta' riċetti li jkollhom xi mediċinali jew prodott kimiku tali u l-esekuzzjoni ta' xi riċetta tali;

(*b*) jordna lill-persuni okkupati fil-manifattura, esportazzjoni, importazzjoni, bejgħ jew distribuzzjoni ta' xi mediċinali jew prodott kimiku tali, biex iżommu jew jipproduċu għall-ispezzjon dawk il-kotba u biex jagħtu dak it-tagħrif kif jista' jkun preskritt; u

(*ċ*) jeħtieġ u jirregola li kull mediċinali jew prodott kimiku tali jkollu tikketta u jiġi markat u biex jirregola kull avviż ta' reklam dwarhom.

Mediċini psikotropiċi.
*Miżjud: V. 1985.6. Emendat: XIX. 1987.13.*

***40A.** (1) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista', wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, u safejn jidhirlu meħtieġ jew spedjenti għall-ħarsien tas-saħħa pubblika, jagħmel regolamenti biex jikkontrollaw il-manifattura, l-esportazzjoni, l-

**Ara* l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985.

importazzjoni, il-pussess, it-tqassim u l-bejgħ ta' mediċini psikotropiċi li fil-fehma tiegħu jkunu jinħtieġu dak il-kontroll fl-interess pubbliku u biex jiġi evitat l-użu ħażin tagħhom, u b'mod partikolari iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' l-imsemmija setgħat sabiex -

(*a*) jiġi regolat il-ħruġ mill-persuni msemmija fl-artikolu 31(1) ta' riċetti li jkun fihom xi mediċina jew prodott kimiku bħal dawk u għad-dispensa ta' xi riċetta bħal dawk;

(*b*) jeħtieġu illi persuni li jkunu jaħdmu fil-manifattura, esportazzjoni, importazzjoni, bejgħ jew tqassim ta' xi mediċini jew prodott kimiku bħal dawk iżommu u jipproduċu għal spezzjon dawk il-kotba u jagħtu dak it-tagħrif kif jista' jiġi preskritt;

(*ċ*) jeħtieġu u jirregolaw it-tikkettjar u l-immarkar ta' kull mediċina psikotropika bħal dawk u sabiex ikun regolat kull reklam tagħhom.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, il-frażi "mediċina psikotropika" tfisser kull mediċina jew kimika kif imniżżlin fit-Tielet Skeda.

(3) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista', wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, b'regolament jemenda, iżid ma', jirrevoka jew jissostitwixxi l-lista ta' mediċini psikotropiċi li hemm fit-Tielet Skeda.

**41.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Spezzjonijiet ta' spiżeriji.
*Sostitwit: XXII. 1968.11.*
*Emendat: XIV. 1969.19.*

**42.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Mod ta' spezzjon u kitba ta' proċess verbal.
*Emendat: VIII. 1921.29.*
*Sostitwit: XXII. 1968.12.*

**43.** (1) Jekk, waqt l-ispezzjon, jinsabu fl-ispiżerija xi sustanzi imperfetti, imħassra jew ta' ħsara, l-uffiċjal viżitatur għandu minnufih jipproċedi għall-qbid ta' dawn is-sustanzi u d-direttur ta' l-ispiżerija jiġi msejjaħ mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika biex jagħti r-raġunijiet tiegħu.

Qbid ta' sustanzi ta' ħsara. eċċ., misjubin fil-post.
*Emendat: VIII. 1921.30.*

(2) Kemm-il darba dawn ir-raġunijiet ma jkunux sodisfaċenti, isir il-proċediment meħtieġ għall-kontravvenzjoni taħt l-artikolu 33.

**44.** Fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, il-pakkett jew reċipjent li fihom tkun is-sustanza hekk maqbuda, għandu jiġi ssiġillat bis-siġill u l-firma ta' l-ispiżjar jew il-persuna li f'dak iż-żmien tkun inkarigata mill-ispiżerija:

Ir-reċipjent li fih ikun l-oġġett maqbud għandu jiġi ssiġillat u ffirmat.
*Emendat: VIII. 1921.31; XXII. 1968.13.*

Iżda, jekk dan l-ispiżjar jew il-persuna li f'dak iż-żmien tkun inkarigata mill-ispiżerija ma jkunx irid jagħmel is-siġill jew

il-firma tiegħu, il-firma ta' l-uffiċjal li jkun għamel il-qbid tkun biżżejjed:

Jedd ta' l-ispiżjar.

Iżda, ukoll, jekk l-ispiżjar jew dik il-persuna li f'dak iż-żmien tkun inkarigata mill-ispiżerija hekk jiltob, l-uffiċjal viżitatur għandu jaqsam kull sustanza hekk maqbuda f'żewġ partijiet, issiġillati u ffirmati kif jingħad hawn fuq, u jħalli parti waħda għand l-ispiżjar jew għand dik il-persuna li f'dak iż-żmien tkun inkarigata mill-ispiżerija.

Kopja tal-proċess verbal tinbagħat lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika. *Emendat: VIII. 1921.32.*

**45.** Kopja tal-proċess verbal ta' kull spezzjon għandha tinbagħat lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, flimkien mas-sustanzi, jekk ikun hemm, maqbuda f'dik l-ispezzjon.

Dokument ta' identità. *Sostitwit: XXII. 1968.14.*

**46.** Spiżjar awtorizzat għandu, jekk hekk meħtieġ mis-sid jew minn min ikollu t-tmexxija ta' l-ispiżerija li tkun qed tiġi spezzjonata jew mill-persuna li dak iż-żmien tkun inkarigata minnha, jipproduċi dokument iffirmat mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jipprova l-awtorità tiegħu biex jaġixxi bħala tali.

Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu jagħmel rapport tar-riżultat ta' l-ispezzjonijiet. *Emendat: VIII. 1921.33; A.L. 4 ta' l-1963.*

**47.** Fl-aħħar ta' kull sena, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu jagħmel lill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika rapport tar-riżultat ta' l-ispezzjonijiet li jkunu saru b'esekuzzjoni ta' l-artikoli ta' qabel.

Ftuħ ta' spiżeriji f'ġranet projbiti. *Miżjud: XXIV. 1957.12. Emendat: XXX. 1961.3.*

**48.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Isem u l-indirizz ta' l-ispiżjar għandu jitwaħħal mal-bieb ta' l-ispiżerija. *Miżjud: XXIV. 1957.12.*

**49.** Ikun id-dmir ta' l-ispiżjar inkarigat mill-ispiżerija li jħalli mwaħħal mal-bieb ta' l-ispiżerija b'dak il-mod li jkun jidher sewwa mit-triq fil-ħinijiet kollha li l-ispiżerija tkun magħluqa avviż fejn juri l-isem u l-indirizz ta' l-ispiżjar inkarigat minn dik l-ispiżerija.

---

## TAQSIMA V

### QWIEBEL

Eżerċizzju tal-professjoni ta' qabla. *Sostitwit: II. 1959.13. Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68.*

**50.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

**51.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kwalifiki.
*Emendat:*
*VIII. 1921.35;*
*XLII. 1946.2;*
*II. 1959.12;*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*XXX .1970.2;*
*XVIII. 1973.3;*
*XLIX. 1981.6;*
*XVI. 1983.2.*

**52.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Reġistru tal-Qwiebel.
*Miżjud:*
*II. 1959.14.*
*Emendat:*
*XVIII. 1973.3.*

**53.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Qwiebel li kienu ġa jeżerċitaw qabel ma bdiet isseħħ din l-Ordinanza.

**54.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Dmirijiet ta' qabla.
*Emendat:*
*VIII. 1921.36;*
*XV. 1958;*
*II. 1959.12;*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*XVIII. 1973.3.*

**55.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Meta qabla għandha ssejjaħ tabib.
*Emendat:*
*XLIX. 1981.6.*

**56.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Tagħrif lill-Uffiċjal Mediku tad-Distrett ta' l-istat tal-pazjenti.
*Emendat:*
*XLIX. 1981.6.*

**57.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Il-qwiebel ma jistgħux jużaw strumenti kirurġiċi.

**58.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Każijiet ta' deni tal-ħlas jew infezzjonijiet oħra.
*Emendat:*
*VIII. 1921.37.*

**59.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Meta l-qabla ma tistax tagħti hija nfisha l-assissenta tagħha.

**60.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Il-qabla għandha tagħti rapport lill-Uffiċjal Mediku Distrettwali ta' każijiet ta' deni jew ta' infjammazzjoni.

**61.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Forniment bla ħlas ta' antisettiċi lil qwiebel għal meta jagħtu l-assistenza tagħhom lill-fqar.

Il-qabla għandha tagħti avviż tat-twelid.

**62.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Il-qwiebel għandhom iħarsu r-regolamenti.

**63.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jagħmel regolamenti.
*Emendat:*
*VIII. 1921.38;*
*XV. 1958;*
*II. 1959.12;*
*XXV. 1962;*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*XXX. 1970.3;*
*XVIII. 1973.3.*

**64.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

---

TAQSIMA VI

*Emendat:*
*VIII. 1921.39.*

KIRURGI-DENTISTI U DENTISTI

Liċenza għal ezerċizzju tal-professjoni ta' kirurgu-dentist.
*Sostitwit:*
*II. 1959.15.*
*Emendat:*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*LVIII. 1974.68.*
*Sostitwit:*
*XVI. 1983.9.*
*Emendat:*
*XIX. 1987.5.*

**65.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Reġistru ta' Kirurgi-Dentisti.
*Emendat:*
*VIII. 1921.41;*
*XII. 1932.8;*
*XXVII. 1937.6;*
*II. 1959,4;*
*A.L. 46 ta' l-1965;*
*X. 1969.2;*
*LVIII. 1974.68;*
*A.L. 148 ta' l-1975;*
*XLIX. 1981.6.*
*Sostitwit:*
*XVI.1983.11.*
*Emendat:*
*XIX. 1987.6.*

**66.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

**67.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kwalifiki li jitniżżlu fir-Reġistru tal-Kirurgi-Dentisti.
*Miżjud: XII. 1932.9.*
*Emendat: XII. 1934.2.*
*Sostitwit: II. 1959.16.*
*Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68; A.L. 148 ta' l-1975.*
*Sostitwit: XVI. 1983.12.*

**68.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Min jieħu u jġib it-titolu ta' dentista.
*Miżjud: XII. 1932.10.*
*Emendat: II. 1959.17.*

**69.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Id-dentisti ma jistgħux jiftiehmu ma' spiżjara biex ikollhom sehem fil-qligħ ta' spiżerija.
*Miżjud: XXVII. 1937.7.*
*Emendat: XXX. 1939.2.*

**70.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Id-dentista ma jistax jeżerċita l-farmaċija.
*Miżjud: XXVII. 1937.7.*
*Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; LVIII. 1974.68.*

**71.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Jeddijiet ta' dentisti akkwistati minn qabel Lulju, 1900.
*Emendat: VIII. 1921.43.*

---

## TAQSIMA VII

### INFERMIERA REĠISTRATI U INFERMIERA ISKRITTI FL-ELENKU

*Miżjud: VIII. 1936.2.*
*Sostitwit: XXII. 1968.15.*

Reġistru u elenku ta' infermiera.
*Miżjud: VIII. 1936.2. Emendat: II. 1959.19; A.L. 4 ta' l-1963. Sostitwit: XXII.1968.16. Emendat: XVIII. 1973.3. Sostitwit: XVI. 1983.13.*

**72.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kontenut tar-reġistru u ta' l-elenku.
*Miżjud: XXII. 1968.17.*

**73.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni.
*Miżjud: VIII. 1936.2. Emendat: I. 1937.2; V. 1948.2; II. 1959.20; XXII. 1968.18; XXVI. 1969,2; XVIII. 1973.4; XLIX. 1981.6.*

**74.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kondizzjonijiet għall-iskrizzjoni fl-elenku.
*Miżjud: XXII. 1968.19. Emendat: XVIII. 1973,3; XIX. 1987.7.*

**75.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Infermiera reġistrati jew iskritti fl-elenku barra minn Malta.
*Miżjud: VIII. 1936.2. Emendat: I. 1937.3; II. 1959.12. Sostitwit: XXII. 1968.20. Emendat: XVIII. 1973.3; XX. 1976.5; XVI. 1983.14; V. 1985.7.*

**76.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew ta' iskrizzjoni fl-elenku.
*Miżjud: VIII. 1936.2. Emendat: II. 1959.21. Sostitwit: XXII. 1968.21. Emendat: XVIII. 1973.3.*

**77.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

**78.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Użu bla jedd ta' titolu ta' infermier reġistrat jew iskritt.
*Miżjud: VIII. 1936.2. Emendat: XXII. 1957.4. Sostitwit: XXII. 1968.22. Emendat: XVI. 1983.15.*

**79.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Skejjel ta' tagħlim għall-infermiera.
*Miżjud: VIII. 1936.2. Sostitwit: V. 1948.3. Emendat: II. 1959.22. Sostitwit: XXII. 1968.23. Emendat: XVIII. 1973.3.*

**80.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jagħmel regolamenti.
*Miżjud: VIII. 1936.2. Emendat: V. 1948,4; II. 1959.12,23; A.L. 4 ta' l-1963; XVIII. 1973.3.*

---

## TAQSIMA VIII

### ATTENDENTI TA' L-ISPTAR

*Miżjud: V. 1948.5.*

**81.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Lista ta' attendenti ta' l-Isptar.
*Miżjud: V. 1948.5. Emendat: II. 1959.24; XVIII. 1973.3.*

**82.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni.
*Miżjud: V. 1948.5. Emendat: II. 1959.25; XVII. 1973.3; XLIX. 1981.6.*

**83.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Użu bla jedd tat-titolu ta' attendent ta' l-Isptar.
*Miżjud: V. 1948.5.*

---

## TAQSIMA IX

*Miżjuda: IX. 1949.2.*

### PROFESSJONIJIET SUPPLIMENTARI GHALL-MEDIĊINA

*Sostitwit: XXII. 1957.5; XVI. 1983.16.*

Reġsitri ta' awżiljarji mediċi.
*Miżjud: IX. 1949.2.*
*Emendat: XXII. 1957.6; II. 1959.26; LVI. 1975.2; XVI. 1983.17.*

**84.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni.
*Miżjud: IX. 1949.2.*
*Emendat: XXII. 1957.7; II. 1959.27; XLIX. 1981.6; XVI. 1983.2.*

**85.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Ċertifikat ta' reġistrazzjoni.
*Miżjud: IX. 1949.2.*
*Emendat: XXII. 1957.8; II. 1959.28.*
*Sostitwit: LVI. 1975.3; XVI.1983.18.*

**86.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Eżerċizzju bla jedd tal-professjoni supplimentari għall-mediċina.
*Miżjud: IX. 1949.2.*
*Sostitwit: XXII. 1957.9; XVI. 1983.18.*

**87.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Persuni reġistrati f'pajjiżi oħra.
*Miżjud: V. 1985.8.*
*Emendat: XIX. 1987.13.*

**87A.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

## TAQSIMA X

## SNAJJA LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-PROFESSJONIJIET SANITARJI

Tifsira ta' "velenu".
*Miżjud: VIII. 1921.47.*
*Sostitwit: XX. 1976.6.*

**88.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Bejgħ ta' mediċinali.
*Sostitwit: V. 1967.4.*
*Emendat: XXII. 1968.24; XVI. 1983.2.*

**89.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

**90.** Ħadd ma jista' jbiegħ jew iqassam -

(*a*) sustanzi jew preparati, avżati bħala rimedji sigrieti jew bħala speċifiċi, li ma jkunux ġew imgħoddija mill-Kunsill tas-Saħħa; jew

(*b*) kull sustanza jew kull preparat jew taħlita ta' sustanzi maħsuba biex jiġu wżati bħala mediċinali jew rimedju jew bħala solvent, materja miżjuda jew koloranti kemm-il darba l-kaxxa, kopertura, flixkun jew reċipjent ieħor li fiha għandha tinbiegħ jew titqassam ma jkollux l-isem jew deżinjazzjoni tas-sustanza jew sustanzi li minnhom ikun magħmul jew kompost il-preparat jew taħlita, u, meta xi sustanza tali tkun ta' xorta velenuża skond l-artikolu 88, jekk l-ammont totali jew l-ammont *pro rata* ta' dik is-sustanza ma jkunx dikjarat fuq l-imsemmija kaxxa, kopertura, flixkun jew reċipjent ieħor; jew

(*ċ*) rimedji falsament deskritti fuq tikketti jew f'avviżi bħala magħmulin minn ingredjenti li ma jkunux tassew dawk li minnhom ikunu magħmula jew bħala li għandhom kwalitajiet jew indikazzjonijiet ta' kura li m'humiex rikonoxxuti mill-Kunsill tas-Saħħa.

Rimedji sigrieti jew speċifiċi. *Emendat: VIII. 1921.44; II. 1959.12; V. 1967.5; XVI. 1983.19.*

**90A.** (1) Ebda persuna ma għandha tirreklama jew tippermetti jew tħalli li jiġi reklamat b'xi mod ikun li jkun, xi servizz jew kura medika jew tas-saħħa, li ma jkunx servizz provdut mill-Gvern, jew xi servizz jew kura oħra li hi jew li hi deskritta bħala medika, terapewtika jew ta' valur jew effett kurattiv, jew b'xi mod ieħor ta' benefiċċju għas-saħħa, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill tas-Saħħa.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), "kura" tinkludi kull forma ta' parir dwar il-kura jew tfejjiq ta' mard jew uġigħ, jew xi parir dwar is-saħħa.

Reklamar ta' kura, eċċ. *Miżjud: V. 1985.9.*

**91.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 90 jgħoddu wkoll għall-ispiżjara, jew għall *pharmacy technicians* skond il-każ.

L-artikolu 90 igħodd għall-ispiżjara. *Emendat: XXII. 1968.25; XVI.1983.2; V. 1985.10.*

**92.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Bejgħ ta' veleni. *Emendat: VIII. 1921.45.*

**93.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Liċenza għall-bejgħ ta' veleni. *Emendat: VIII. 1921.46.*

**94.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 36 u 38 igħoddu għal kull min, li ma jkunx spiżjar, ikollu l-liċenza taħt l-aħħar artikolu qabel dan.

Disposizzjonijiet dwar spiżjara li igħoddu għal dawk li m'humiex spiżjara.

**95.** *Mħassar bl-Att: III. 2003.108.*

Jedd ta' spezzjon. *Emendat: VIII. 1921.48.*

Offiċini ta' prodotti kimiċi.

**96.** (1) Ħadd ma jista' jiftaħ offiċini ta' prodotti kimiċi wżati fil-mediċina jew ta' preparati galeniċi, mingħajr liċenza tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

(2) Din il-liċenza ma tiġix mogħtija kemm-il darba s-Suprintendent ma jkunx sodisfatt illi l-offiċina hi mmexxija minn spiżjar jew minn persuna li jkollha ċertifikat ta' kimiku.

(3) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu s-setgħa li jagħlaq l-offiċina, kemm-il darba din ma tibqax tiġi mmexxija minn spiżjar jew mill-kimiku msemmi fis-subartikolu (2).

Ċertifikat b'kompetenza għall-eżerċizzju ta' kimiku. *Emendat: VIII. 1921.49; II. 1959.12; XXII. 1968.26; A.L. 148 ta' l-1975.*

**97.** Il-Bord dwar l-Ispiżjara għandu s-setgħa li jagħti ċertifikat ta' kompetenza biex jeżerċita ta' kimiku għall-finijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan, lill-kandidat illi jissodisfa lill-Bord -

(i) li hu ta' l-età,

(ii) li għamel il-kors tal-kimika fl-Università ta' Malta jew fi skola oħra magħrufa mill-Università ta' Malta, u li għadda mill-eżamijiet meħtieġa.

Sptarijiet privati, eċċ. *Emendat: VIII. 1921.50; II. 1959.12. Sostitwit: XX. 1977.3. Emendat: XIX. 1987.8.*

**98.** (1) Ebda persuna ma tista' tuża xi post bħala sptar, klinika, dar ta' maternità, dar ta' infermerija, dar għax-xjuħ, laboratorju dijanostiku mediku, dipartiment ta' l-*X-Ray*, jew xi stabbiliment jew istituzzjoni oħra bħal dawn, ikunu xi jkunu msejħa, kemm-il darba ma jkunx hemm dwar post bħal dak liċenza valida għal hekk maħruġa mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, u ebda persuna ma tista' tiftaħ jew tmexxi xi stabbiliment jew istituzzjoni għal xi wieħed mill-imsemmija għanijiet kemm-il darba ma jkollhiex liċenza valida għal hekk maħruġa mill-imsemmi Ministru.

(2) Ebda liċenza ma tista' tingħata jew tiġġedded taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk il-post, tagħmir u faċilitajiet kif ukoll il-persunal, sew mediku sew xort'oħra, ma jkunux hekk li jipprovdu dak il-livell ta' kura jew servizz mediku kif il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jidhirlu li jkun sodisfaċenti, jew kif huwa jista', b'regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, jippreskrivi minn żmien għal żmien.

(3) L-imsemmi Ministru jista', fl-għoti jew fit-tiġdid ta' xi liċenza taħt is-subartikolu (1), jimponi kull kondizzjoni hekk kif jidhirlu xieraq u jista' jagħmel restrizzjonijiet dwar is-servizzi u l-attivitajiet li jistgħu jiġu provduti jew immexxija f'dak il-post li jkollu liċenza.

(4) Meta xi post jintuża jew isir xi għemil bi ksur ta' xi kondizzjoni jew restrizzjoni, li tkun tinsab f'liċenza mogħtija jew imġedda taħt is-subartikolu (1), kull post hekk użat, u kull għemil hekk magħmul għandu jitqies li jkun ġie wżat jew li jkun magħmul mingħajr liċenza meħtieġa b'dan l-artikolu.

(5) Kull liċenza mogħtija taħt id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tiskadi fil-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha tiġi maħruġa iżda tista' tiġi mġedda mill-imsemmi Ministru minn sena għal sena. Kull liċenza bħal dik tiskadi wkoll jekk ikun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija taħt l-artikolu 119 dwar xi reat kontra dan l-

artikolu, sew jekk ir-reat ikun magħmul mill-persuna jew fil-post li jkollu liċenza taħt is-subartikolu (1).

Imposizzjoni ta' kondizzjonijiet għal liċenza. *Miżjud: XX. 1976.7. Emendat: XX. 1977.4; XVI. 1983.20.*

**99.** (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' fl-għoti ta' liċenza taħt l-artikoli 22, 33, 89, 92 jew 96, jimponi kull kondizzjoni li jidhirlu xierqa.

(2) Kull persuna liċenzata kif imiss taħt xi wieħed mill-imsemmija artikoli 22, 33, 89, 92 jew 96 li tonqos li tħares xi kondizzjoni imposta mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika taħt is-subartikolu (1) titqies li mxiet mingħajr il-liċenza meħtieġa.

Tobba fi sptarijiet u kliniċi privati u drittijiet li għandhom jintalbu. *Miżjud: XX. 1977.5. Emendat: XIX 1987.9.*

**100.** (1) Ebda detentur ta' liċenza ta' xi post, stabbiliment jew istituzzjoni li jkollu liċenza taħt l-artikolu 98(1) ma għandu jitlob jew jagħmel, jew iħalli li jintalbu jew isiru, xi drittijiet jew ħlasijiet oħra, għal xi servizz jew ħaġa oħra tkun li tkun, jekk ikunu iktar mid-dritt jew mill-ħlas li għandu jitħallas dwarhom skond dik it-tariffa li l-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista', wara li jikkonsulta lill-Kunsill Mediku, jistabbilixxi minn żmien għal żmien.

(2) Kull detentur ta' liċenza ta' xi post, stabbiliment jew istituzzjoni li jkollu liċenza taħt l-artikolu 98(1) għandu jżomm għall-wiri, u jżomm f'kull ħin għall-wiri, f'lok fejn jidher sewwa fil-post li jkollu liċenza u fejn tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, it-tariffa tad-drittijiet u tal-ħlasijiet li f'dak iż-żmien ikunu japplikaw skond is-subartikolu (1).

Esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' qabel. *Miżjud: XX. 1977.5. Emendat: XIX. 1987.10.*

**101.** Meta xi post jintuża jew isir xi għemil bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 98, jew għaliex il-liċenza jew l-awtorità meħtieġa ma tkunx ġiet maħruġa jew mogħtija, jew hi meqjusa bħala li ma ħarġitx jew ma ngħatatx, jew tkun skadiet jew ma ġietx imġedda jew tkun ġiet irtirata, ikun id-dmir tal-Kummissarju tal-Pulizija li jiżgura li l-post li jkun jinżamm magħluq u li ma jsir ebda ksur ieħor, u hu jkun jista' jieħu l-passi kollha xierqa għal dan il-għan.

Qamħ ivvelenat, żerriegħa, eċċ.

**102.** Ħadd ma jista' jiżra', jixħet, ipoġġi jew iqiegħed, inkella jġiegħel li jinżara', jinxeħet, jitpoġġa jew jitqiegħed f'artijiet jew postijiet oħra esposti, qamħ, żerriegħa jew dqiq jew laħam li jkunu jew imgħaddsa jew imxarba fil-velenu, jew li jkunu ġew imħallta ma' velenu jew ma' ingredjent jew preparat ieħor b'mod li jsiru velenużi u li jistgħu jikkaġunaw il-mewt ta' ħaddieħor.

L-artikolu 102 ma jgħoddx f'xi każijiet.

**103.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux għal min ibiegħ jew joffri jew iqiegħed għal bejgħ, jew jagħmel użu minn ingredjent jew sustanza sabiex jipprepara jew jipproteġi qamħ jew żrieragħ għall-użu *bona fide* tal-biedja biss, inkella jiżra' jew iġiegħel li jinżara' dan il-qamħ jew żrieragħ hekk ippreparati.

(2) Lanqas ma jgħoddu d-disposizzjonijiet hawn fuq imsemmija għal kull min joqgħod f'dar jew bini ieħor, inkella għal sid ta' ħalel jew ta' munzelli ta' tiben tal-qamħ, xgħir, ħafur, ful, piżelli, silla, żrieragħ jew prodotti oħra ta' ħxejjex ikkultivati, illi jpoġġi jew iqiegħed jew iġiegħel li jitpoġġa jew jitqiegħed f'dik id-dar jew bini ieħor, inkella fil-ġnien jew għalqa mgħaqqda ma' dik

id-dar jew bini u mdawrin b'ħitan għoljin mhux anqas minn tliet metri u ħamsa u sittin ċentimetri, inkella fil-loki ta' dik id-dar jew bini, basta li dan il-loki jkun hekk protett li ma jistax jidħol fih kelb, inkella f'dawn il-ħalel jew munzelli, xi velenu jew ingredjent velenuż jew preparat għall-qirda ta' ġrieden, firien, dud jew insetti żgħar.

Ma jistgħux jingħataw sustanzi velenużi lil annimali mansi.

**104.** Ħadd ma jista' jagħti jew iġiegħel li tingħata ebda droga jew sustanza velenuża jew li tagħmel ħsara lil żwiemel jew bhejjem oħra jew lill-annimali mansi, li ma jkunux tiegħu, mingħajr ordni tas-sid.

---

## TAQSIMA XI

### REATI U PIENI

Taħsir mir-reġistri mill-Kunsill Mediku minħabba dikjarazzjoni ta' ħtija jew kondotta bla ġieh.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: XXII. 1968.27; XVIII.1973.5; XLIX. 1981.4; XVI. 1983,21; XIX. 1987.11; XXIII. 2001.62.*

**105.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Taħsir mill-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina minħabba dikjarazzjoni ta' ħtija jew kondotta bla ġieh.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: XXII. 1968.28; XVIII.1973.6; XLIX. 1981.4; XVI. 1983.22.*

**106.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Tħassir mill-Bord dwar l-Ispiżjara minħabba dikjarazzjoni ta' ħtija jew kondotta bla ġieh.
*Miżjud: XXII. 1968.29.*
*Emendat: XVIII. 1973.7; XLIX. 1981.4; XVI. 1983.2,23.*

**107.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

**108.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Tħassir mill-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel minħabba dikjarazzjoni ta' ħtija jew kondotta bla ġieh.
*Miżjud: XVIII. 1973.8.*
*Emendat: XLIX. 1981.4; XVI. 1983.24.*

**109.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Riżerva dwar proċeduri skond liġijiet oħra.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: XXII. 1968.30; XVIII. 1973.9; XVI. 1983.2.*

**110.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Taħsir minn reġistru jew lista minħabba mard.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: XXII. 1968.31; XVIII. 1973.10; XVI. 1983.2.*

**111.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Tqegħid mill-ġdid ta' ismijiet fir-reġistru.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: XXII. 1968.32; XVIII. 1973.11; XVI. 1983.2.*

**112.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Reġistrazzjoni qarrieqa u ħażina.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: XXII. 1968.33; XVIII. 1973.12; XVI. 1983.2.*

**113.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Notifika tad-deċiżjoni tal-Kunsill Mediku u appell minnha.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: A.L. 148 ta' l-1975; VI. 2001.4.*

**114.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Notifika tad-deċiżjoni tal-Bord dwar l-Ispiżjara u appell minnha.
*Miżjud: XXII. 1968.34.*

Notifika ta' deċiżjoni tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina u appell minnha.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: A.L. 46 ta' l-1965; XVIII. 1973.13; LVIII. 1974.68.*

**115.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Notifika ta' deċiżjoni tal-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel u appell minnha.
*Miżjud: XVIII. 1973.14.*
*Emendat: XVI. 1983.2.*

**116.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Regolamenti ta' proċedura.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: A.L. 4 ta' l-1963; XXII. 1968.35; XVIII. 1973.15; XVI. 1983.2.*

**117.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Taħrik ta' xhieda.
*Miżjud: II. 1959.29.*
*Emendat: XXII. 1968.36; XVIII. 1973.16; A.L. 148 ta' l-1975; XVI. 1982.2; XVI. 1983.2.*

**118.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

Pieni għal ċerti reati.
*Miżjud: XX. 1976.9.*
*Emendat: XX. 1977.6; XVI. 1983.2,25; V. 1985.11; XIX. 1987.12; A.L. 407 ta' l-2007.*

**119.** (1) Kull persuna li tagħmel reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7(1)(*f*), ta' l-artikolu 8, 9, 10, 16 jew 24, ta' l-artikolu 26(*a*) jew (*b*), ta' l-artikolu 27, 32 jew 34, ta' l-artikolu 35(2), ta' l-artikolu 48(2) jew (3), jew ta' l-artikolu 49, 62, 69, 70 jew 100 teħel -

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), iżda mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), u

(*b*) meta tinstab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

(2) Kull persuna li tagħmel reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 (bl-eċċezzjoni tas-subartikolu (1)(*f*)), ta' l-artikolu 13, 17, 18 (safejn jirreferi għall-prattika illegali ta' *pharmacy technician*) 22, 23 jew 25, ta' l-artikolu 26(*ċ*), ta' l-artikolu 28, 29, 30, 31 jew 33, ta' l-artikolu 35(1), ta' l-artikolu 36, 38 jew 39, ta' l-artikolu 54(1), jew ta' l-artikolu 55, 56,

57, 58, 60, 63, 68, 78, 83, 87, 90, 90A, 91, 94 jew 104 teħel -

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87), u

(*b*) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Kull persuna li tagħmel reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5, ta' l-artikolu 11(1), ta' l-artikolu 18 (safejn jirreferi għall-prattika illegali ta' spiżjar), 50, 59, 65, 89, 92, 96, 98 jew 102 teħel -

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u

(*b*) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iżjed minn sitt xhur, biż-żieda ta' multa jew mingħajrha ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Reat taħt l-artikolu 40.
*Miżjud: XLIX. 1975.5. Emendat: XX. 1976.10; A.L. 407 ta' l-2007.*

**120.** Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt l-artikolu 40 teħel -

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u

(*b*) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur, iżda mhux iżjed minn sitt xhur u multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Reati taħt l-artikolu 40A.
*Miżjud: V. 1985.12.*
*Emendat: XVII. 1986.3; XIX. 1987.13; VIII. 1990.3; II. 1998.4; VI. 2000.8; III. 2002.159; XVI. 2006.27; A.L. 407 ta' l-2007; XXXI. 2007.29.*

***120A.** (1) Kull persuna -

(*a*) li tikser, jew li tonqos li thares xi disposizzjoni ta' xi regolament magħmul taħt l-artikolu 40A; jew

(*b*) li tikser, jew li tonqos li tħares, il-kundizzjonijiet ta' xi liċenza jew permess maħruġin jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' xi regolament magħmul taħt l-artikolu 40A; jew

(*ċ*) li sabiex tikseb, għaliha jew għal xi persuna oħra, il-ħruġ, l-għoti jew it-tiġdid ta' xi liċenza bħal dik, permess jew awtorizzazzjoni kif intqal qabel, tagħmel dikjarazzjoni jew rapport li jkun falz f'xi partikolarità, jew xjentement tagħti, tipproduċi jew tagħmel użu minn dikjarazzjoni jew rapport jew dokument li jkun fih partikolarità falza; jew

(*d*) li f'Malta tgħin, tħajjar, tagħti parir, jew tfittex biex jiġi magħmul f'xi post barra minn Malta xi reat li għalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' liġi korrispondenti li tkun fis-seħħ f'dak il-post, jew tassoċja ruħha ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex tagħmel tali reat, tagħmel xi ħaġa biex tħejji jew twassal għal xi għemil li, kieku jsir f'Malta jkun reat kontra xi reat bħal dawk; jew

(*e*) tkun ċittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta, li f'xi post barra minn Malta tagħmel xi ħaġa li jekk issir f'Malta tikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra dan l-artikolu jew reat taħt il-paragrafu (*f*); jew

(*f*) tassoċja ruħha ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegħ jew tittraffika mediċina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew li tippromovi, tikkostitwixxi, torganizza jew tiffinanzja l-assoċjazzjoni,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

Għall-finijiet tal-paragrafu (*e*) l-espressjoni "resident permanenti" tfisser persuna li favur tagħha jkun inħareġ permess ta' residenza skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Kap. 217.

(1A) L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fis-subartikolu (1)(*d*) u (*f*) teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.

(1B) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklużiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal

**Ara* l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985.

għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza:

Iżda fil-każ ta' importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ma jgħoddux. Kap. 446. Kap. 9.

(1Ċ) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk timmanifattura, tittrasporta jew tqassam xi tagħmir jew materjali meta tkun taf li dawn ikunu sejrin jintużaw fi jew għall-produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u kull għemil projbit taħt dan is-subartikolu għandu għall-finijiet ta' din l-Ordinanza jitqies li jkun jikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza.

(1D) (*a*) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk tuża, tittrasferixxi l-pussess ta', tibgħat jew tikkonsenja lil xi persuna jew post, takkwista, tirċievi, iżżomm, tittrasporta, tittrasmetti, taltera, tiddisponi minn jew b'xi mod ieħor tinnegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u tkun taf jew ikollha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala rizultat ta' -

(i) l-għemil ta' reat imsemmi fis-subartikoli (1) u (1Ċ); jew

(ii) xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra minn dawn il-Gżejjer li jekk isir f'dawn il-Gżejjer ikun jikkostitwixxi reat taħt is-subartikoli (1) jew (1Ċ).

(*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kienux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ikun jinkombi fuq il-persuna imputata jew akkuzata.

(lE) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk tbiegħ jew xort'oħra tittraffika f'sustanza msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, meta tkun taf jew ikollha suspett illi s-sustanza tkun sejra tintuża fi jew għall-produzzjoni ta' mediċina msemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; u t-tifsira ta' "jittraffika" fis-subartikolu (1B) għandha tapplika, *mutatis mutandis*, għal dan is-subartikolu. Kap. 101.

(1F) Kull persuna li tinżel Malta u jkollha fil-pussess tagħha xi

mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza tkun eżenti minn kull responsabbiltà kriminali jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1G).

(IG) Il-kundizzjonijiet li għalihom jagħmel riferenza s-subartikolu (1F) huma dawn li ġejjin:

(*a*) il-persuna li jkollha l-pussess tal-mediċina ma tkunx ordinarjament residenti f'Malta u tkun ġiet minn xi post barra minn Malta;

(*b*) ma' l-ewwel opportunità wara li tinżel Malta dik il-persuna tikkonsenja l-mediċina msemmija lil uffiċjal tal-pulizija jew lil uffiċjal tad-dwana u tistqarr li l-istess mediċina kienet għall-użu personali esklussiv tagħha; u

(*ċ*) il-mediċina msemmija tkun fi kwantità tali u tkun fil-pussess ta' dik il-persuna taħt ċirkostanzi tali li raġonevolment iwasslu għall-inferenza li l-istess mediċina kienet destinata għall-użu personali esklussiv ta' dik il-persuna.

(2) Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali, u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat -

(*a*) meta tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali -

(i) meta r-reat ikun il-bejgħ jew traffikar ta' mediċina msemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(*f*), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (1E), priġunerija għall-għomor:

Iżda:

(*aa*) meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa; jew

(*bb*) meta l-verdett tal-ġuri ma jkunx unanimu,

f'każijiet bħal dawn il-qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn

erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67); u

(ii) għal kull reat ieħor priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73); jew

(*b*) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) -

(i) meta r-reat ikun il-bejgħ jew traffikar ta' mediċina msemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(*f*), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (1E), priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); u

(ii) għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien,

u f'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk ikkonfiskat għandu, jekk il-qorti hekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, meta l-persuna akkużata ma tkunx għalqet l-età ta' sittax-il sena u kemm-il darba ma tkunx akkużata flimkien ma' persuna oħra li tkun għalqet l-età ta' sittax-il sena, kull riferenza għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew għall-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Qorti tal-Minorenni:

Iżda wkoll, meta persuna tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (*a*)(i) jew fil-paragrafu (*b*)(i) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, il-piena tiżdied bi grad.

(2A) Meta persuna tkun akkużata taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu dwar bejgħ jew traffikar ta' mediċina imsemmija fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, jew dwar il-promozzjoni, il-kostituzzjoni, l-organizzazzjoni jew il-finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu (1)(*f*) dwar xi mediċina bħal dik, jew dwar ir-reat ta' pussess ta' mediċina, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew dwar reati msemmija fis-subartikolu (1Ċ) jew (1D), għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 22A, 22B, 22E, 27 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Kap. 101.

(2A bis) Meta persuna tiġi akkużata taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu b'reat imsemmi fis-subartikolu (2A) u dik il-persuna tkun persuna bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (5) jew tkun persuna li jkollha liċenza, permess jew awtorità lilha maħruġa minn awtorità kompetenti fl-eżerċizzju jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżerċizzju ta' xi arti, sengħa, sejħa jew xogħol ieħor u r-reat isir f'post li dwaru jkun hemm liċenza maħruġa skond din l-Ordinanza, taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew skond xi liġi oħra, il-Qorti tista', mingħajr preġudizzju għal kull ordni oħra li l-Qorti tista' tagħmel skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' sospensjoni", li biha tissospendi dik il-liċenza, dak il-permess jew dik l-awtorità u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22B bis (2) u (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 101.

(2B) Meta reat kontra dan l-artikolu li dwaru persuna tkun instabet ħatja jkun jikkonsisti f'reat imsemmi fis-subartikolu (2A) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22(3A), (3B) u (7) u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 22Ċ, 22D, 28 u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

(2Ċ) Minkejja li l-Avukat Ġenerali jkun ordna skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), li persuna tiġi proċessata mill-Qorti Kriminali, huwa jista', f'kull żmien qabel ma jippreżenta l-att ta' l-akkuża, jew f'kull żmien wara li jippreżenta l-att ta' l-akkuża u qabel ma jintagħżel il-ġuri, u bil-kunsens ta' l-akkużat, jordna li dik il-persuna tiġi proċessata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u malli jsir dak l-ordni l-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tkun kompetenti li tipproċessa lil dik il-persuna daqslikieku ma jkun ingħata ebda ordni qabel. Meta l-Avukat Ġenerali jkun ta ordni ġdid bħal dak wara l-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża, ir-reġistratur tal-Qorti Kriminali għandu jara li l-inkartament jintbagħat lill-Qorti tal-Maġistrati, u jara li kopja ta' l-

ordni ta' l-Avukat Ġenerali tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

(2D) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2Ċ), il-Qorti tal-Maġistrati tkun kompetenti li tipproċessa r-reati kollha kontra dan l-artikolu kif ordnat mill-Avukat Ġenerali skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2). Kap. 9.

(3) Ebda persuna li tinsab ħatja ta' reat minħabba li tkun kisret jew naqset li tħares ir-regolament taħt l-artikolu 40A dwar il-kotba li għandhom jinżammu, jew il-għoti jew is-servizz ta' riċetti b'mediċini psikotropiċi li għalihom igħodd dan l-artikolu, ma tista' tiġi kkundannata għal priġunerija mingħajr ma tingħata lilha l-fakultà li tista' minflok tħallas multa, jew għall-ħlas ta' multa ta' iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), jekk il-qorti li tisma' l-każ tkun sodisfatta illi r-reat sar minħabba nuqqas ta' attenzjoni u ma kienx preparatorju għal reat ieħor li sar jew li kien sejjer isir kontra dan l-artikolu u lanqas sar fil-kors ta' reat ieħor u lanqas m'għandu x'jaqsam ma' reat ieħor li sar jew li kien sejjer isir kontra dan l-artikolu.

(4) Kull min jittanta jagħmel reat kontra dan l-artikolu, jew iħajjar jew iġiegħel persuna oħra tagħmel dak ir-reat, jeħel, meta jinsab ħati, mingħajr preġudizzju ta' kull responsabbiltà oħra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku kkommetta reat taħt dan l-artikolu.

(5) Meta r-reat li dwaru persuna tinsab ħatja taħt dan l-artikolu jikkonsisti fl-importazzjoni, manifattura, bejgħ jew traffikar ieħor f'mediċina psikotropika, u dik il-persuna jew ikollha liċenza taħt din l-Ordinanza jew taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ikollha *warrant* maħruġ taħt din l-Ordinanza biex teżerċita professjoni, jew xogħol, jew sengħa, jew ir-reat isir f'post li dwaru jkun hemm liċenza taħt din l-Ordinanza jew taħt l-Ordinanza qabel imsemmija, il-qorti għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni u b'żieda ma' kull piena oħra, tordna r-revoka ta' dik il-liċenza jew ta' dak il-*warrant* u malli jkun sar dak l-ordni kull liċenza bħal dik jew *warrant* bħal dak għandu jieqaf milli jkollu effett għall-finijiet kollha tal-liġi u b'mod partikolari għall-finijiet ta' din l-Ordinanza u ta' l-Ordinanza msemmija qabel. Kap. 101.

(6) Meta jirrizulta lill-qorti li l-ħati, li ma jkunx persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew (*b*)(i), ikun jinħtieġ kura u għajnuna għar-rijabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza fuq xi mediċina msemmija fit-Tielet Skeda l-qorti tista', minflok ma tapplika xi waħda mill-pieni provduti fis-subartikoli ta' qabel dan, tqiegħed lill-ħati fuq *probation* skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation*, hekk iżda li dak l-ordni ta' *probation* jista' jsir minkejja li l-ħati, li jkun għalaq l-età ta' erbatax-il sena, ma jkunx wera r-rieda tiegħu li jħares il-ħtiġiet ta' l-ordni kif provdut fl-artikolu 7 ta' dak l-Att. Kap. 446.

(7) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew (*b*)(i): Kap. 9. Kap. 446.

Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation*, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:

Kap. 446.

Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.

(8) Meta, fil-każ ta' persuna misjuba ħatja ta' reat imsemmi fis-subartikolu (7), il-qorti tkun sodisfatta li dik il-persuna tkun tinħtieġ kura għar-rijabilitazzjoni tagħha mid-dipendenza fuq xi mediċina msemmija fit-Tielet Skeda, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22(10) sa (14) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi għandhom ikunu applikabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu daqskieku dik il-persuna kienet persuna misjuba ħatja ta' reat imsemmi fl-imsemmi artikolu 22(10).

Kap. 101.

(9) Meta reat kontra din l-Ordinanza li persuna tkun instabet ħatja dwaru, ikun jikkonsisti f'xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 120Ċ(1) jew fir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 121D u 248E(4) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Kap. 9.

Tifsir tal-kelmiet "liġi korrispondenti". *Miżjud: II. 1998.5.* Kap. 101.

**120B.** Għall-finijiet ta' l-artikoli 120A u 121Ċ il-kelmiet "liġi korrispondenti" għandhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom bl-artikolu 23 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u d-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 23 għandhom japplikaw għalihom.

Setgħat addizzjonali ta' investigazzjoni. *Miżjud: II. 1998.5. Emendat: XXXI. 2007.30.*

**120Ċ.** (1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata") -

(*a*) tkun ħatja ta' bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; jew

(*b*) tkun ħatja ta' xi reat imsemmi l-artikolu 120A(1)(*e*) jew (*f*); jew

(*ċ*) tkun ħatja ta' reat imsemmi fl-artikolu 120A(1)(*d*) b'riferenza għal xi reat imsemmi fil-paragrafi ta' qabel dan ta' dan is-subartikolu; jew

(*d*) tkun ħatja ta' reat imsemmi fl-artikolu 120A(1D); jew

(*e*) tkun ħatja tar-reat ta' pussess ta' mediċinali kuntrarju għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx wieħed għall-użu eskluživ tal-ħati,

l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru jew għat-tnejn u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal

Kap. 101.

dik it-talba u għall-persuna suspettata u għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ta' sekwestru magħmul mill-qorti bħala riżultat ta' dik it-talba.

(2) Il-kliem "ordni ta' investigazzjoni" fl-artikolu 24A(2) u (5) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' investigazzjoni magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Kap. 101.

(3) Il-kliem "ordni ta' sekwestru" fl-artikolu 24A(6A) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' sekwestru magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Kap. 101.

Setgħat ta' investigazzjoni dwar reati fil-kompetenza ta' qrati barra minn Malta. *Miżjud: II. 1998.5. Emendat: XXXI. 2007.31.*

**120D.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta sabiex isiru investigazzjonijiet f'Malta dwar persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata") suspettata minn dik l-awtorità b'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 120Ċ(1)(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*) l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru jew għat-tnejn u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dik it-talba u għall-persuna suspettata u għal kull ordni ta' investigazzjoni jew ta' sekwestru magħmul mill-qorti bħala riżultat ta' dik it-talba. Kap. 101.

(2) Il-kliem "ordni ta' investigazzjoni" fl-artikolu 24A(2) u (5) għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' investigazzjoni magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Il-kliem "ordni ta' sekwestru" fl-artikolu 24A(6A) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala li jinkludu ordni ta' sekwestru magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu . Kap. 101.

Iffriżar ta' proprjetà ta' persuna akkużata b'reati fil-kompetenza ta' qrati barra minn Malta. *Miżjud: II. 1998.5. Emendat: XXXI. 2007.32.*

**120E.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja jew prosekutriċi ta' xi post barra minn Malta għall-qbid temporanju ta' kull jew xi flejjes jew proprjetà, mobbli jew immobbli, ta' persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "l-akkużat") imputata jew akkużata fi proċedimenti quddiem il- qrati ta' dak il-post b'reat li jkun jikkonsisti f'att jew ommissjoni li jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f'ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 120Ċ(1)(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*), l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' iffriżar") li jkollu l-istess effett bħal ordni kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u d-disposizzjonijiet ta' l- imsemmi artikolu 22A għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, japplikaw *mutatis mutandis* għal dak l-ordni. Kap. 101.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24Ċ(2) sa (5) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom ikunu applikabbli għal ordni magħmul taħt dan l-artikolu daqskieku kien Kap. 101.

ordni magħmul taħt l-imsemmi artikolu 24Ċ.

Kap. 101.

(3) L-artikolu 22B ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandu wkoll japplika għal kull persuna li taġixxi bi ksur ta' ordni ta' iffriżar taħt dan l-artikolu.

Esekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska magħmulin minn qrati barra minn Malta wara kundanna għal reati fil-kompetenza ta' dawk il-qrati. *Miżjud: II. 1998.5. Emendat: XXXI. 2007.33.* Kap. 101.

**120F.** (1) Ordni ta' konfiska magħmul minn qorti barra minn Malta li jkun jipprovdi jew jidher li jkun jipprovdi għall-konfiska jew telfien ta' rikavat mill-għemil ta' reat rilevanti jista' jiġi esegwit f'Malta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24D(2) sa (11) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), "ordni ta' konfiska" u "rikavat" għandhom l-istess tifsiriet mogħtija lilhom bl-artikolu 24D(12) ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi liema tifsiriet għandhom jiftiehmu skond it-tifsira mogħtija lil "proprjetà" bl-istess subartikolu (12) u skond it-tifsira mogħtija lil "reat rilevanti" fis-subartikolu (3).

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "reat rilevanti" tfisser kull reat li jkun jikkonsisti f'xi att jew ommissjoni li, jekk isiru f'dawn il-Gżejjer, jew f ċirkostanzi korrispondenti, ikunu jikkostitwixxu xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 120Ċ(1)(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*).

Tfixkil illegali, eċċ. *Miżjud: XX. 1976.11. Emendat: A.L. 407 ta' l-2007.*

**121.** Kull persuna li ma tħallix lil xi persuna oħra tagħmel dak li hi meħtieġa jew permessa li tagħmel taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi ordni jew regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha, jew li treġġa' lura jew tfixkel dak li xi persuna oħra tkun għamlet bi tħaris ta' xi waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet, tkun ħatja ta' reat u teħel -

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), u

(*b*) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur, biż-żieda ta' multa jew mingħajrha ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

L-obbligu tal-prova. *Miżjud: II. 1998.6.*

**121A.** (1) F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha.

(2) Meta r-reat li bih persuna tkun akkużata jkun dak ta' pussess ta', jew bejgħ jew traffikar ta', mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkuzat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi huwa ħaseb li kellu fil-pussess

tiegħu, jew li kien qed ibiegħ jew jittraffika, xi ħaġa li ma kenitx il-mediċina msemmija fl-akkuża jekk il-pussess ta', jew il-bejgħ jew traffikar ta', dik il-ħaġa oħra kien ikun, fiċ-ċirkostanzi, bi ksur ta' xi disposizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra.

Dikjarazzjoni tista' tinġieb bħala prova. *Miżjud: II. 1998.6.* Kap. 9.

**121B.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Konsenja u xiri kontrollati. *Miżjud: II. 1998.6. Emendat: VI. 2000.8.* Kap. 101.

**121Ċ.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30B ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal konsenja kontrollata ta' kull mediċina mniżżla fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 120A(1D)(*a*) bil-għan li jiġu identifikati persuni involuti fl-għemil ta' reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' pajjiż ieħor u l-istess disposizzjonijiet għandhom ukoll japplikaw *mutatis mutandis* għall-akkwist jew prokurar ta' xi mediċina bħal dik mill-Pulizija Esekuttiva.

Persuni trasferiti għal Malta mill-esteru sabiex jixhdu jew jgħinu f'investigazzjoni, eċċ. *Miżjud: II. 1998.6.* Kap. 101.

**121D.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30Ċ ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandom japplikaw *mutatis mutandis* għal xhud, espert jew persuna oħra f'pajjiż barrani li jaqblu, dwar reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, li jixhdu jew li jgħinu kif provdut f'dak l-artikolu wara talba għal assistenza kif ukoll provdut fl-istess artikolu.

Kooperazzjoni fit-trażżin ta' reati rilevanti fuq il-baħar. *Miżjud: II. 1998.6. Emendat: XVI. 2006.27.*

**121E.** (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi, jew jiġi mgħarraf dwar, talba li ssir minn jew għan-nom ta' xi awtorità ġudizzjarja, ta' prosekuzzjoni, ta' infurzar ta' liġi, amministrattiva jew xi awtorità kompetenti oħra ta' xi Stat jew post li ma jkunx Malta jew li jkun jinsab barra minn Malta (hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "awtorità rikjedenti") fejn tintalab awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat jew post ikunu jistgħu jieħdu miżuri adatti dwar biċċa tal-baħar rilevanti li tkun raġonevolment suspettata li tkun involuta fl-għemil ta' reat rilevanti, l-Avukat Ġenerali jista', bi ftehim mal-Prim Ministru, jawtorizza t-teħid ta' dawk il-miżuri mill-awtoritajiet kompetenti hawn qabel imsemmija bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li setgħu ġew maqbula bejn Malta u dak l-Istat jew skond ma jista' jiġi maqbul bejn l-awtorità rikjedenti u l-Avukat Ġenerali ta' Malta bi ftehim mal-Prim Ministru.

(2) Meta tkun ingħatat awtorizzazzjoni mill-Avukat Ġenerali kif imsemmi qabel l-awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subartikolu (1), suġġett għall-kondizzjonijiet li jistgħu ikunu ġew miftiehma kif provdut fl-istess subartikolu, ikunu awtorizzati li jieħdu l-miżuri xierqa u li jezerċitaw abbord il-biċċa tal-baħar li dwarha jkunu ġew awtorizzati l-miżuri xierqa taħt dan l-artikolu

dawk is-setgħat kollha ta' arrest, dħul, perkwiżizzjoni u qbid li huma mogħtija lill-Pulizija Esekuttiva ta' Malta.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

"biċċa tal-baħar rilevanti" tfisser bastiment jew kull inġenji oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma ta' kull deskrizzjoni, inklużi *hovercrafts* u inġenji sommerġibbli, li jtajru l-bandiera Maltija jew juru l-marki ta' reġistrazzjoni ta' Malta waqt li jkunu jeżerċitaw il-libertà ta' navigazzjoni skond id-dritt internazzjonali;

"miżuri xierqa" dwar biċċa tal-baħar tinkludi t-tlugħ abbord u l-perkwiżizzjoni fuq dik il-biċċa tal-baħar kif ukoll kull azzjoni xierqa oħra dwar il-biċċa tal-baħar, persuni u tagħbija abbord dik il-biċċa tal-baħar jekk tinsab prova li dik il-biċċa tal-baħar tkun involuta f'reat rilevanti; u

"reat rilevanti" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 120F(3).

Reat iktar serju.
*Miżjud: XX. 1976.11.*
Kap. 9.

**122.** Meta l-egħmil li jkun sar minn min jagħmel ir-reat ikun reat aktar serju skond il-Kodiċi Kriminali jew skond xi liġi oħra, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi jew tal-liġi l-oħra dwar dak l-egħmil.

Interdizzjoni.

**123.** Kull min, wara li jkun ġie kkundannat għal reat taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 33, 38 jew 90 jinsab ħati li għamel reat ieħor kontra waħda jew oħra mid-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli, jista', flimkien mal-piena stabbilita għal dak ir-reat l-ieħor, jiġi kkundannat għall-piena ta' l-interdizzjoni mill-eżerċizzju tal-professjoni jew industrija tiegħu għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur.

Jedd għal appell.
*Miżjud: XVII. 1986.4.*
*Emendat: VIII. 1990.3.*
Kap. 9.

**123A.** Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu jedd ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati dwar proċedimenti kriminali li jinqalgħu mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 120A.

## TAQSIMA XII

## REĠISTRI

*Miżjud: II. 1959.30.*

Spezzjon ta' reġistri.
*Miżjud: II. 1959.30.*
*Emendat: V. 1985.13.*

**124.** *Mħassar bl-Att: XII. 2003.52.*

L-EWWEL SKEDA

*Miżjuda: XVI. 1983.27.*

(Artikolu 7)

Taqsima I

A Avvelenament minn ċomb

Avvelenament minn fosfru

Avvelenament minn manganiż

Avvelenament minn arseniku

Avvelenament minn merkurju

Avvelenament minn *carbon bisulphide*

Avvelenament minn *Benzene* u avvelenament mid-derivattivi *Nitro* u *Amido* tal-*Benzene* u *homologues* tiegħu

Avvelenament minn anilina

Mard minn arja kompressata (Caisson Disease)

Anthrax

Ulċerazzjoni epitheliomatous jew ulċerazzjoni mill-kromja

Avvelenament minħabba espożizzjoni waqt ix-xogħol għall-pestiċidi

Bruċellożi minħabba espożizzjoni waqt ix-xogħol

Avvelenament minn *Cadmium*

Kanċer ikkawżat minn xi okkupazzjoni

Mard fil-kompożizzjoni tad-demm ikkawżat minn xi okkapazzjoni

Suffejra minn xi avvelenament

Effetti akuti jew kroniċi ta' espożizzjoni għal radjazzjoni

Ażżma minn xi okkupazzjoni

B Inċidenti dwar "gas" li fihom persuna tintlaqat minħabba espożizzjoni għall-gassijiet jew *fumes* waqt ix-xogħol

Taqsima 2

DIPARTIMENT TAS-SAHHA

Avviż ta' Mard jew inċident minħabba x-Xogħol

(Artikolu 7)

1. Isem il-pazjent ......................................................................
2. Età ........................................ Sess ......................................
3. Indirizz ..................................................................................
4. Xogħol preżenti/ta'l-aħħar ....................................................
5. Isem u l-indirizz tal-prinċipal preżenti/ta' l-aħħar .................

   ..................................................................................................
6. Isem u l-indirizz tal-prinċipal ta' l-aħħar (jekk ikun hemm suspett li l-kawża kienet mill-impieg ta' qabel).......................

   ..................................................................................................
7. Xorta ta' mard/avvelenament/inċident ..................................
8. Aġent li jagħmel ħsara/proċess li jkun suspettat bħala l-kawża tal-marda/avvelenament/inċident ..........................................
9. Dati (anki bejn wieħed u ieħor) tal-bidu u l-waqfien ta' l-esponiment għar-riskju .........................................................

......................................

Firma tat-Tabib

..............................

Data

......................................

Isem u Indirizz

## IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 7)

ĊERTIFIKAT TAL-MEWT U KAWŻA TAL-MEWT

*Miżjuda: XXII. 1957.11. Emendata: XVI. 1983.6. Sostitwita: V. 1985.14.*

1. Isem u kunjom ..........................................................................
2. Età u sess ................ Nru. tal-Karta ta' l-Identità ..................
   (jekk il-persuna mejta kellha Karta ta' l-Identità)
3. Post tat-twelid ..........................................................................
4. Residenza ..................................................................................
   ........................................................................................................
5. Professjoni, sengħa jew stat ieħor ........................................
6. Isem u kunjom il-ġenituri u jekk humiex ħajjin jew mejtin ........................................................................................................
   ........................................................................................................
7. Jekk hux għażeb jew xebba, miżżewweġ jew miżżewga, armel jew armla, u fl-aħħar żewġ każijiet isem u kunjom martu jew żewġha ..................................................................................
8. Siegħa, jum, xahar u sena tal-mewt ........................................
9. Post fejn ġrat il-mewt ..........................................................
*10. Kawża tal-mewt:

| I | | Żmien li bejn wieħed u ieħor għadda mill-bidu tal-marda sal-mewt |
|---|---|---|
| Il-marda jew iċ-ċirkostanza li kkaġunat direttament il-mewt | (*a*) ........................ (minħabba fi/jew kawżata minn) | ................................ |
| Kaġunjiet ta' qabel: ċirkostanzi ta' mard, jekk kien hemm, li wasslu għall-kaġun fuq imsemmi, billi jissemma fl-aħħar in-nuqqas li minnu beda jitnissel dak il-kaġun. | (*b*) .................... (minħabba fi/jew kawżata minn)<br><br>(*ċ*) .................... | ................................ |

**Ara* n-NOTI li ġejjin.

II

Ċirkostanzi oħra li kellhom x'jaqsmu u li għenu biex tiġri l-mewt, iżda li ma humiex imnisslin mal-marda jew maċ-ċirkostanzi li kkaġunawha.

11. Post tad-difna ......................................................................

12. Firma tat-Tabib ..................................................................

Data ......................................................................................

Isem f'Ittri Kapitali ............................................................

Indirizz ................................................................................

LILL-UFFIĊJAL TAL-PULIZIJA INKARIGAT MILL-ATTI TAL-MEWT FI

.........................................................................................

* NOTI:

Min jiċċertifika għandu jniżżel taħt -

I. (*a*) Il-marda jew l-offiżża li qanqlet is-sensiela ta' ġrajjiet ta' mard li wasslu għall-mewt: jiġifieri, il-marda, l-offiża jew il-komplikazzjoni li kienet il-kawża diretta tal-mewt. Dan ma jfissirx il-mod tal-mewta, per eżempju jekk hux b'qalbu, *asthenia*, eċċ.

(*b*) Iċ-ċirkostanza, jekk kien hemm, meqjusa li nisslet il-kawża diretta, kemm minħabba ż-żmien kif ukoll minħabba r-relazzjoni etjoloġika jew patoloġika. Ċirkostanza tista' titniżżel bħala li ġiet qabel ukoll jekk ikun għadda żmien twil mill-bidu tagħha jew minn meta bdew jidhru sintomi tagħha.

(*ċ*) Kull ċirkostanza oħra meqjusa li bdiet qabel (*b*) fl-istess sens imfisser hawn fuq.

Jekk ikun maħsub li ma kien hemm ebda ċirkostanza ta' qabel kif imfisser hawn fuq, il-linji I (*b*) u I (*ċ*) għandhom jibqgħu battala.

F'ebda każ ma għandu jitniżżel fit-Taqsima II il-bidu tas-sensiela ta' ġrajja ta' mard minħabba nuqqas ta' wisa' għalih fit-Taqsima I.

II. Kull ċirkostanza oħra li, għalkemm mhux magħduda fis-sensiela tat-Taqsima I, tidher li setgħet għenet b'xi mod għal konsegwenza ta' mewt.

# IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 40A)

## LISTA' TA' MEDIĊINI PSIKOTROPIĊI

## TAQSIMA A

*Miżjuda: V. 1985.15. Emendata: XVII. 1986.5; A.L. 34 ta' l-1986. Sostitwita: A.L. 48 ta' l-1990. Emendata: A.L. 31 ta' l-1997; A.L. 79 ta' l-1998; A.L. 285 ta' l-2001; A.L. 38 ta' l-2002; A.L. 209 ta' l-2002; A.L. 222 ta' l-2002; A.L. 257 ta' l-2002; A.L. 212 ta' l-2003; A.L. 374 ta' l-2003; A,L. 135 ta' l-2006; A.L. 260 ta' l-2006; A.L. 127 ta' l-2007; A.L. 404 ta' l-2007.*

| *Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf* | *Isem Kimiku* |
|---|---|
| 1-BENZYLPIPERAZINE | 1-benzyl-1, 4-diazacyclohexane |
| 2C-1 | (2,5-dimethoxy-4-iodophenethylamine) |
| 2C-T-2 | (2,5-dimethoxy-4-ethylthiophenethylamine) |
| 2C-T-7 | (2,5-dimethoxy-4-(n)-propylthiophenethylamine) |
| TMA-2 | (2,4,5,-trimethoxyamphetamine) |
| CATHINONE | (-)-a-aminopropiophenone |
| DET | *N.N*-diethyltryptamine |
| DMA | dl-2,5-dimethoxy-a-methylphenyl-ethylamine |
| DMHP | 3- (1,2-dimethylheptyl)-1-hydroxy-7, 8, 9, 10-tetrahydro-6, 6, 9-trimethyl-6 H - dibenzo [b,d] pyran |
| DMT | *N.N*-dimethyltryptamine |
| DOB,BROLAMFETAMINE | 2,5-dimethoxy-4-bromoamphetamine |
| (+)LYSERGIDE, LSD, LSD-25 | (+)-*N.N*-diethyllysergamide (d-lysergic acid diethylamide) |
| DOET | dl-2, 5-dimethoxy-4-ethyl-a-methylphenylethylamine |
| mCPP | 1-(3-chlorophenyl)piperazine |
| oCPP | 1-(2-chlorophenyl)piperazine |
| pCPP | 1-(4-chlorophenyl)piperazine |
| MDA, METHYLENE DIOXYAMPHETAMINE | 3, 4, methylenedioxyamphetamine |
| MDMA, TENAMFETAMINE | dl-3,4-methylenedioxy-N, a-dimethyl-phenylethylamine |
| MESCALINE, MESCAL BUTTON, PEYOTE, PEYOTL | 3, 4, 5-trimethoxyphenethylamine |
| MMDA | dl-5-methoxy-3, 4-methylenedioxy-a methylphenylethylamine |
| PARAHEXYL | 3-hexyl-1-hydroxy-7, 8, 9, 10-tet-rahydro-6,6,9-trimethyl-6H-dibenzo [b, d] pyran |
| PCE, ETICYCLIDINE | N-ethyl-1-phenylcyclohexylamine |
| PHP, PCPY, ROLICYCLIDINE | 1-(1-phenylcyclohexyl) pyrrolidine |
| PMA | 4-methoxy-a-methylphenylethyl-amine |
| PMMA | paramethoxymethylamphetamine jew N-methyl-1-(4-methoxy-phenyl)-2-aminopropane |

| | |
|---|---|
| PSILOCINE, PSILOTSIN | 3-(2-dimethylaminoethyl)-4-hydroxyindole |
| PSILOCYBINE | 3-(2-dimethylaminoethyl)-indol-4-yl di hydrogen phosphate |
| STP. DOM | 2-amino-1-(2, 5-dimethoxy- 4-methyl) phenylpropane |
| TETRAHYDROCANNABINOLS, ALL ISOMERS | 1-hydroxy-3-pentyl-6a, 7, 10, l0a-tetrahydro-6,6,9-trimethyl-6-H-dibenzo [b, d] pyran |
| TCP, TENOCYCLIDNE | 1-[1-(2-thienyl) cyclohexyl] piperi-dine |
| TMA | dl-3, 4, 5-trimethoxy-a-methylphe-ny-lethylamine |

U kull derivattivi, *salts* jew *esters* ta' dawk imsemmija hawn fuq.

## TAQSIMA B

| *Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf* | *Isem Kimiku* |
|---|---|
| ALLOBARBITAL | 5, 5-diallylbarbituric acid |
| AMFEPRAMONE, DIETHYLPROPION | 2-(diethylamino) propriophenone |
| AMOBARBITAL | 5-ethyl-5-(3-methylbutyl) barbituric acid |
| AMINEPTINE | (7-[(10, 11-dihydro-5H-dibenzo [a,d,] cyclohepten-5-y-5-yl)amino] heptanoic acid) |
| AMPHETAMINE | (±)-2-amino-1-phenylpropane |
| BARBITAL | 5, 5-diethylbarbituric acid |
| BENZPHETAMINE | N-benzyl-N,∝ -dimethylphenethyl-amine |
| BUTALBITAL | 5-allyl-5-isobutylbarbituric acid |
| BUTOBARBITAL | 5-butyl-5-ethylbarbituric acid |
| CATHINE | d-threo-2-amino-1-hydroxy-1-phe-nylpropane |
| CHLORAL HYDRATE | 2, 2, 2- trichloroethane-1,1-diol |
| CHLORDIAZEPOXIDE CHLORMETHIAZOLE | 7-chloro-2-(methylamino)-5-phenyl-3H-1, 4-benzodiazepine-4-oxide |
| CHLORPHENTERMINE | p-chloro-∝ -dimethylphenethy-lamine |
| CYCLOBARBITAL | 5-(1-cyclohexen-1-yl)-5-ethylbarbi-turic acid |
| DEXAMPHETAMINE | (+)-2-amino-1-phenylpropane |
| DIAZEPAM u kull komposti oħra tiegħu li fihom l-istruttura kimika ta' DIHYDRO-1:4 BENZODIAZEPINE jew ta' DIHYDRO-1:5 BENZODIAZEPINE sostitwit sa kull grad | 7-chloro-1, 3-dihydro-1-methyl-5-phenyl-2H-1,4-benzodiazepine-2-one |

| | |
|---|---|
| ETHCHLORVYNOL | ethyl-2-chlorovinylethynylcarbinol |
| ETHINAMATE | 1-ethynylcyclohexanolcarbamate |
| FENCAMFAMIN | dl-N-ethyl-3-phenylbicyclo (2,2,1)-heptan-2-amine |
| FENETYLLINE | dl-3, 7-dihydro-1, 3 dimethyl-7-(2-[(1-methyl-2-phenylethyl) amino] ethyl)-1H-purine-2, 6-dione |
| FENFLURAMINE | N-ethyl-∝ -methyl-m(trifluoromethyl) phenethylamine |
| FENPROPOREX | dl-3-[(a-methylphenethyl)amino] propionitrile |
| GLUTETHIMIDE | 2-ethyl-2-phenylglutarimide |
| KETAMINE | (±)-2-(2-Chlorophenyl)-2-methylaminocyclohexanone |
| LEVAMPHETAMINE | 1-a-methylphenethylamine |
| LEVOMETHAMPHETAMINE | 1-N,a-dimethylphenethylamine |
| MAZINDOL | 5-(p-chlorophenyl)-2, 5-dihydro-3H-imidazo[2, 1- a] isoindol -5-ol |
| MECLOQUALONE | 3-(o-chlorophenyl)-2-methyl-4 (3H)-quinazolinone |
| MEFENOREX | dl-N-(3-chloropropyl)-a-methyphenethylamine |
| MEPHENTERMINE | N-∝ -trimethylphenethylamine |
| MEPROBAMATE | 2-methyl-2-propyl-1,3-propanediol-dicarbamate |
| METHAMPHETAMINE | (+)-2-methylamino-1-phenylpropane |
| METHAMPHETAMINE RACEMATE METHAQUALONE | 2-methyl-3-o-tolyl-4(3H)-quinazolinone |
| METHYLPHENIDATE | 2-phenyl-2(2-piperidyl) acetic acid, methyl ester |
| METHYLPHENOBARBITAL | 5-ethyl-1-methyl-5-phenylbarbituric acid |
| METHYPRYLON | 3, 3-diethyl-5-methyl-2, 4-piperidnedione |
| N-ETHYLAMPHETAMINE | dl-N-ethyl-a-methylphenylethylamine |
| PARALDEHYDE | acetaldehyde trimer |
| PENTAZOCINE | 1, 2, 3, 4, 5, 6, hexahydro-6, 11-dimethyl-3 -(3-methyl-2-butenyl)-2, 6-methano-3-benzazocin-8-ol |
| PENTOBARBITAL | 5-ethyl-5-(1-methylbutyl) barbituric acid |
| PHENCYCLIDINE | 1-(1-phenylcyclohexyl) piperidine |
| PHENDIMETRAZINE | (+)-3, 4-dimethyl -2-phenylmorpho line |
| PHENMETRAZINE | 3-methyl-2-phenylmorpholine |
| PHENOBARBITAL | 5-ethyl-5-phenylbarbituric acid |
| PHENTERMINE | a, a-dimethylphenethylamine |

| | |
|---|---|
| PIPRADROL | 1,1-diphenyl-1-(2-piperidyl) methanol |
| PROPYLHEXEDRINE | dl-1-cyclohexyl-2-methylamino-propane |
| PYROVALERONE | dl-1-(4-methylphenyl)-2-(1-pyrrolidinyl)-1 pentanone |
| SECBUTABARBITAL | 5-sec-butyl-5-ethylbarbituric acid |
| SECOBARBITAL | 5-allyl-5-(1-methylbutyl) barbituric acid |
| SPA, LEFETAMINE | (-)-1-dimethylamine-1, 2, diphenylethane |
| TRAMADOL | (±)-trans-2-Dimethylaminomethyl-1-(3-methoxyphenyl) cyclohexanol |
| VINYLBITAL | 5-(1-methyl-butyl)-5-vinylbarbituric acid |
| ZOLPIDEM | (N,N,6-trimethyl-2-p-tolylimidazo [1,2-∝ ]pyridine-3-acetamide) |
| (ebda isem bħal dak) | 2C-B (4-bromo-2,5-domethoxyphenethylamine) |
| (ebda isem bħal dak) | 4-MTA (∝ -methyl-4-methylthiophenethylamine |
| (ebda isem bħal dak) | GHB (γ-hydroxybutyric acid) |

U kull *salt* jew *ester* ta' hawn fuq.